MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru. 54/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dennis Theuma )**

**Versus**

**Mario Dingli.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Mario Dingli ta’ 35 sena, iben Francis u l-mejta Marianne nee Micallef, imwieled ir-Rabat fit-13 ta’ Awwissu 1966 u joqgħod Settrise, Tal-Ħamri, Limiti tar-Rabat u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 336226 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer nhar is- 7 ta’ Diċembru 2001 u fis-sentejn ta’ qabel ġol-Imtaħleb, limiti tar-Rabat u fi bnadi oħra f’Malta f’ħinijiet differenti

(a) Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet oħra li jkollhom bħala bażi din ir-raża u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) u 8(d) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta***, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kentix għall-użu esklussiv tiegħu;***

(b) ukolli talli biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raża meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża;

(ċ) ukoll talli fl-istgess ħin, data u ċirkostanzi beigħ jew offra li jbiegħ droga ristretta u psikotropika (ecstasy) kontenenti s-sustanza (methlenedioxyamphetamine) li hija kkontrollata u ristretta bil-liġi taħt it-Tielet Skeda parti A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha Kap 31 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

(d) kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 3 (1) ta' l-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40 (A) u 120 (A) u t-Tielet Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 ta' l-Att V tal-1985 kif emendat.

(e) Ukoll li kellu fil-pussess tieghu armi tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

(f) Ukoll li kellu fil-pussess tieghu munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

(g) ukoll talli fl-istess zmijijiet ffalsifika biljetti tal-flus jew mexxa biljetti tal-flus ffalsifikati li kien jaf li kienu ffalsifikati u cioe liri Maltin u dan bi ksur ta' l-Artikolu 45 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta

(h) Ukoll minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli xtara jew rceva minghand xi persuna jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu biljetti ta' flus ffalsifikati li kien jaf li l-istess biljetti kienu ffalsifikati u cioe liri Maltin skond l-Artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

(i) Ukoll talli matul is-sena 2001 fl-istess lok u ċirkostanzi, ikkoltiva l-pjanta cannabis u dan bi ksur tal-artikolu 8(ċ) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ntalbet li f'każ ta' sejbien ta' ħtija tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-Ordinijiet tal-Avukat Ġenerali (fol 3 u 4), l-istqarrija tal-imputat (fol 5), il-fedina penali tal-imputat (fol 8), iċ-ċertifikat tat-twelid (fol10) li jġib in-numru 3362 tas-sena 1966, id-dokument MM intitolat 'Sejba ta' droga ġo fond fl-Imtħaleb fejn ġew arrestati għaxar persuni' redatt mill-Maġistrat Dr Consuelo Scerri Herrera, il-konferma tal-ħatra tal-esperti maħtura matul l-inkjesta, ir-rapport tal-Ispiżjar Mario Mifsud, il-ħatra tal-espert Martin Bajada sabeix jeżamina jekk il-valuta ppreżentat hix valida jew le (fol 73), id-dokument MF a fol 76, id-dokument MB, l-awtorizzazzjoni beix il-kelma 'xahrejn' tinbidel f''sentejn' (fol 94), id-dikjarazzjoni li miż-żewġ naħat li ma kienx hemm għalfejn jinstemgħu x-xieda li kienet diġa' nstemgħet, u l-artikoli li bagħat l-Avukat Ġenerali (fol 99).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat.

Mill-eżami forensiku irriżulta li l-imputat kien fil-pussess ta' 58 pillola ecstasy; li 25% taż-żerriegħa tal-cannabis li kien

hemm fid-dokument 01 CQP, 13 kienu ġerminabbli; 5 pilloli ċelesti kienu Halcion u huma kkontrollati taħt il-Parti B tal-Kap 31; kien hemm traċċi tal-cannabidiol u Cannabidol, usstanzi li mhux kkontrollati bil-Liġi iżda li jindikaw li l-pipa kienet użata biex titpejjep ir-raża jew il-weraq tal-pjanta cannabis; 58 pillola isntabt fihom is-sustanza MDMA; kein hemm traċċi ta' THC fi tray bil-plastik; li kien hemm żewġ blokki ta' sustanza kannella li kien fihom it-THC (9.70 grammi); u traċċi tal-kokaina fid-dokument 01 CPQ 01.

PC 1473 Simon Deguara xehed li fis-7 ta' Diċembru 2001 keinu daħlu jagħmlu search fil-farmhouse fejn kien hemm l-imputat. Waqt it-tfittxija nstabu 50 pillola suspettata ecstasy u bitt ieħor li kien fih 8. F'portmoni sabu xi żerriegħa tal-cannabis. Fil-bedroom instabu tliet revolvers bil-bullets u karti tal-Lm5 suspettati foloz.

**L-Istqarrija tal-imputat**

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat qal li l-kaxxa li kien qabad kien fiha bott bl-ecstasy,( li kien xtara ġimgħa qabel) biċċa raża żgħira, riżla b'aktarx żewġ pakketti, il-frak tar-reżin u ż-żerriegħa li kien ġab minn xital tal-cannabis li kellu. Huwa kellu biċċa resin oħra fil-kamra tas-sodda, żewġ revolvers u pistola li ma kinux jaħdmu. Kellu wkoll xi balla u Lm195 f'ħames liri. Kien hemm ukoll bott al-M&M bi tmien pilloli., kien hemm container ieħor bit-trab kannella tar-resin, il-ħakkieka li kien juża biex ifarrak ir-resin.

Huwa qal li kien juża ilu juża l-cannabis xi sentejn waqt li l-ecstasy kein ilu użaha minn Awwissu tas-sena 2001. Qabel kien jieħu xi waħda 'l hawn u 'l hemm.

Huwa kellu xitla tal-cannabis li kienet xi tliet piedi. Kienet mietet u ilu xi ftit taż-żmien li kienet mietet. Iż=-żerreigħa kienet minn din ix-xitla għax bdiet tagħmel żerreigħa biss.

Fil-parties kulħadd kien iġib id-droga għalih. Huwa ċaħad li kien biegħ jew qassam xi ecstasy. Ġilei kienu ġew jistaqsuh u kien jagħtihom l-ecstasy bil-prezz li kienu jiġu lilu. Dan ġara fis-sena 2001.

L-imputat kien ipejjep joints il-ħin kollu u lil sħabu ġieli tahom ‘l hemm u ‘l hawn.

Il-flus foloz kien xtrahom minn għand wieħed li l-identita’ tiegħu ma xtaqax jikxifha.

Xhieda Oħra tal-Prosekuzzjoni

L-esperti l-oħra kollha kkonfermaw ir-rapporti tagħhom u għarfu l-oġġetti elevate waqt it-tfittxija. .

Skond PS 1225 Mario Fenech, addett mal-uffiċċju għar-reġistrazzjoni tal-armi, l-imputat qatt ma kien reġistrat għaż-żamma ta’ xi arma.

L-espert Martin Bajada xehed li l-karti tal-flus ma kinux valuta legali (39 tal-Lm5).

**Difiża**

Xehed l-imputat fejn inqratlu l-istqarrija kollha mill-Avukat Difensur. Għall-ewwel qal li l-Pulizija bdew jiktbu l-affarijiet u hu ma beda jifhem xejn. Huwa kkonferma li tassew kienu sabu l-affarijeit għandu. Huwa qal li kellu 50 pillola għax dak iż-żmien kien qed jieħu ħafna. Kien jieħu l-cannabis għax kein weġġa’ bil-mutur u kellu bżonn jagħmel operazzjoni f’daharu. Huwa nenga li qatt biegħ jew droga ‘l xi ħadd. Il-flus kien ġabhom mix-xogħol part time.

L-Ispettur Josric Mifsud xehed li l-imputat għandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap 101 mhux fil-massimu tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

**A fol 79 tal-proċess jinsabu l-artikoli mibgħutin mill-Avukat Ġenerali. L-artikoli li jissemmew għanhom x’jaqsmu mal-imputazzjonijiet dwar l-armi u ż-żamma**

**ta' flus foloz. Dan ifisser li l-Avukat Ġenerali iffoka biss fuq l-imputazzjonijiet (e), (f), g, (h) u ma ta ebda artikolu dwar l-imputazzjonijiet (a), (b), (ċ), (d) u (i).**

**Fis-sentenza tagħha, il-Qorti hija marbuta mal-artikoli li jagħti l-Avukat Ġenerali. Fl-assenza ta' artikoli dwar dawn l-imputazzjonijiet, jiġifieri (a), (b), (ċ), (d) u (i) il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn dawn l-imputazzjonijiet.**

**Jibqa' għalhekk l-imputazzjonijiet li ngħataw l-artikoli dwarhom.**

**L-Imputazzjonijiet (e) u (f) – Żamma ta' armi**

Jirriżultaw ippruvati l-imputazzjonijiet (e) u (f) dwar iż-żamma ta' armi u ta' munizzjon mingħajr liċenzja tal-Kummissarrju tal-Pulizija. Filfatt l-armi u l-munizzjoni nstabu għand l-imputat kif ammetta hu stess u kif kien ippruvat mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni. L-armi u l-munizzjon instabu fid-dar tal-imputat u għalhekk japplika l-proviso tal-artikolu 3(1) tal-Kap 66. Il-Qorti qed issib lill-imputat ħati ta' dawn iż-żewġ imputazzjonijiet.

**L-Imputazzjonijiet (g) u (h)**

Hemm provi ċari li l-imputat kellu flus Maltin foloz. Dan jirriżulta mill-eżami maħgmul mill-espert maħtur apposta biex jara jekk il-flus esibiti kinux valuta legali jew le. L-espert ikkonkluda li dawn ma kinux valuta legali. Filfatt l-imputat kellu 39 karta tal-Lm5. Fuq il-pedana tax-xhieda huwa qal li dawn kien tahomlu xi ħadd talli l-imputat kien għamillu xi xogħol fuq il-karozza.

Il-Qorti ma ssibx din il-verżjoni attendibbli u aktar toqgħod fuq dak li qal l-imputat stess fl-istqarrija tiegħu li hu kien xtrahom minn għand persuna oħra.

Għalhekk il-Qorti qed issib li l-Prosekuzzjoni ppruvat l-imputazzjoni (h) għax l-imputat kien xtara flus foloz kif ukoll kellu fil-pussess tiegħu flus falsifikati.

Min-naħa l-oħra ma tressqet ebda prova li l-imputat kien iffalsifika l-flus hu stess jew li mexxa t-tali flus. Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni (g).

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li ra l-artikoli 18, 28A u 533 tal-Kap 9, l-artikolu 3 tal-Kap 46 u l-artikoli 45 u 46 tal-Kap 204 qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet (e), (f)u (h), qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjoni (g) minħabba nuqqas ta' provi u qed tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet (a), (b), (ċ), (d) u (i) għaliex dawn m'huma koperti b'edba artikolu mibgħut mill-Avukat Ġenerali. Dwar il-piena, il-Qorti, waqt li kkonsidrat li l-imputat kien jibbenefika mill-artikolu 29 tal-Kap 101 fi grad wieħed biss li kieku nstab ħati ta' xi imputazzjoni dwar il-pussess, il-pussess aggravate jew il-bejgħ ta' xi droga, dan il-benefiċċju ma jgħoddx għall-imputazzjonijiet li tagħhom instab ħati l-imputat. Il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' priġunerija ta' 15-il xahar liema piena għandha tibqa' sospiża għal erba' snin sakemm l-imputat ma jwettaqx xi reat amtul dan il-perjodu u għall-ħlas ta' multa ta' 70 Ewro. Il-Qorti spjegat l-artikolu 28A tal-Kap 9.

Il-Qorti qed tordna li l-flus foloz jkunu għad-dispożizzjoni tal-Bank Ċentrali.

Il-Qorti tordna l-konfiska tal-armi kif ukoll tal-munizzjon.

Fl-aħħarnett tordna d-distruzzjoni tad-droga kollha taħt is-sorveljanza tar-reġistratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------